MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2008

Numru 752/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin J. Farrugia)**

**Vs**

**Martina Micallef**

**Illum 9 ta' Mejju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Martina Micallef ta' 52 sena, bint Joseph Azzopardi u Rita mitwielda Grima, post tat-twelid Hamrun imwielda fl-10 ta' Awissu, 1954 u residenti 'No. 8', Casa Marvin, Triq it-Tigan, Attard li ghandha il-Karta ta' l-Identita' bin-numru 603954 (M).

Billi hija akkuzata talli nhar t-12 ta’ Settembru, 2005 f’dawn il-gzejjer u gewwa Triq it-Tigan, H’Attard;

1. ghamlet hsara volontarja fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni EBC 269 tal-marka Peugeot liema hsara hija aktar minn hamsin Lira Maltin (LM53.10c) izda anqas minn hames mitt Lira Maltin (LM500) ghad detriment ta’ Mariella Filletti I. D. 62968 (M) u Joseph Filletti I. D. 435460 (M).
2. bil-hsieb li ttellef jew tnaqqas l-gieh ta’ Joseph Filletti weggghatu bi kliem, b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur ta’ l-artikolu 252 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ Joseph Filleti u Mariella Micallef u torbot l-imputata Martina Micallef b’dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. KF3 u nnutat li l-imputata Martina Micallef m’ghandiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputata, fil-presenza tal-avukat difensur taghha Dr. Frank Cassar, iddikjarat li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghta ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata regghet iddikjarat li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li qeghda tobbliga ruhha li fi zmien hmistax (15) –il gurnata

millum thallas lill-parte civile s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin Euro (Euro 125).

Rat l-artikoli 17, 325 (1) (b) u 252 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata Martina Micallef, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputata u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputata iddikjarat li qeghda tobbliga ruhha li fi zmien hmistax (15) –il gurnata millum thallas lill-parte civile s-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin Euro (Euro 125), tillibera lill-imputata Martina Micallef taht il-Provediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Inoltre, l-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-imputata Martina Micallef b'obbligazzjoni personali ta' mitejn u tnejn u tletin Euro u erba' u disghin centezmi ta' Euro (Euro 232.94) ekwivalenti gahll-mitt Liri Maltin (Lm100) li zzomm il-kwiet ma' Mariella Filletti u Joseph Filletti ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata Martina Micallef l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22 (3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------